**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 22 ta' Settembru, 2021**

**Talba Nru: 188/2021PM1**

**360 Food Imports Limited (C46590)**

**Vs**

**Andre` Chetcuti (ID Nru. 294480(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit- 23 ta' Gunju, 2021 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' sitt mija disgha u disghin euro u sebghin centezmi (€699.70) dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut ; bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mill-25 ta' Novembru, 2019 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra l-i*statement of account* datat 30 ta' Novembru, 2020 anness mal-istess avviz.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-20 ta' Settembru, 2021 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-20 ta' Settembru, 2021 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-i*statement of account* anness mal-istess avviz li jindika ghadd ta' konsenji ghall-prezz bilancjali tas-somma mitluba. Fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji dawn ghandhom jigu sofferti mill-konvenut flimkien mal-imghaxijiet legali fuq is-somma mitluba mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru, 2019, data li fiha skont tali *statement* jirrizulta li sehh l-ahhar pagament mill-konvenut u meta allura s-somma mitluba permezz tal-kawza odjerna giet likwidata u rrizultat bhala dovuta, sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u disghin euro u sebghin centezmi (€699.70) rapprezentanti prezz bilancjali ta' merkanzija kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq struzzjonijiet tieghu, bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta' Novembru, 2019 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**